MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1289/2005

**Attard & Co (Industrial) Limited (C-16734)**
**vs**
**Absolute Construction Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm685.71), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici.**
**Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-19 ta' Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehru**

**rapprezentanti taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm685.71) bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Lulju, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------